**Minuti tal-mitejn u disgħa u erbgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 6 ta' Jannar 2010 fis-6.30 p.m. Din hija wkoll il-wieħed u erbgħin laqgħa tal-ħames leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

<u>Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti :-</u>

| | |
|---|---|
| <u>Sindku :</u> | Joseph Cordina |
| <u>Kunsilliera :</u> | Mary Carmen Bajada<br>Joseph Bartolo<br>Kevin Cutajar |
| <u>Skużat:</u> | Il-Viċi SindkuChristian Żammit |
| <u>Uffiċċjali :</u> | |
| Segretarju Eżekuttiv | Joseph Azzopardi |

**QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa Numru 248 li saret nhar it-Tnejn 7 ta' Diċembru 2009 wara li jsiru l-korrezzjonijiet approvati.

**<u>Punti mqajma mill-minuti:</u>**

Mary Carmen Bajada semmiet il-lista ta' toroq li rridu nippreżentaw lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreparaha u ser jgħaddiha lill-kunsilliera. Wara ser ngħidu lill-Perit Edward Scerri sabiex jagħmel rapport fuq it-toroq. Ser nippreparaw ukoll lista tal-*Memoes* tas-snin 2009 u 2010 għall-benefiċċju tal-kunsilliera. Hi staqsiet ukoll jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-kumitat għall-attivitajiet kulturali. Dwar il-kumitat is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li għadna m'għamilna xejn. Hi staqsiet ukoll dwar l-applikazzjoni għall-programm EDEN. Dwar l-applikazzjoni ta' l-EDEN is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li hu flimkien ma' l-uffiċjal eżekuttiv iltaqgħu mar-rappreżentanti tal-kumpanija li qed tipprepara l-applikazzjoni. Il-kumpanija kkummissjonata mis-Segretarjat Parlamentari għat-Turiżmu ser tissottometti l-applikazzjoni. Din ser tinkludi l-isforzi tal-Kunsill matul l-aħħar tliet snin sabiex intejbu l-prodott li noffru. Hi staqsiet ukoll dwar l-attivita kulturali ta' Ġunju li ngħatajna l-finanzjament għaliha. Is-Sindku Joseph Cordina wieġeb li diġa' kellem lil Angie Bonello u ser nerġgħu nikkuntattjawh.

Kevin Cutajar staqsa dwar il-kors propost dwar l-illiteriżmu u s-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għalkemm avżajna, ma kienx hemm rispons. Hu staqsa

wkoll dwar id-diversi skemi offruti għas-separazzjoni ta' l-iskart u liema ser nagħżlu u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li jippreferi jistenna qabel nieħdu deċiżjoni dwarhom. Kevin Cutajar staqsa wkoll dwar meta ser isir l-irranġar ta' Triq l-Imqades u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li dan mhux ser nagħmluh għaliex ser jiġi nkluż fil-proġett propost minn *Heritage Malta* għat-Tempji tal-Ġgantija. Hu staqsa fejn wasalna dwar il-programm *Leader* u s-Sindku Joseph Cordina wieġeb li qed tingħalaq l-ewwel fażi ta' l-istudji u l-konsultazzjonijiet. Kevin Cutajar staqsa jekk ksibniex stima sabiex il-passaġġ fil-bajja tar-Ramla jsir aċċessibbli u l-Kunsill qabel li tinġabar din l-istima.

Mary Carmen Bajada talbet detalji dwar il-Festa Pawlina f'Marsalforn. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li l-għada l-Ħamis 7 ta' Jannar 2010 ser issir konferenza ta' l-aħbarijiet dwar din l-attivita' u stieden lill-kunsilliera biex jattendu għaliha. Din il-festa ser tkun organizzata bejn it-22 u l-24 ta' Jannar 2010 u ser tieħu sehem il-Banda ***Victory***.

## DISKUSSJONI DWAR L-ESTIMI FINANZJARJI GĦAS-SENA 2010

Il-Kunsill iddiskuta l-estimi kif ippreżentati mis-segretarju eżekuttiv. Wara diskussjoni ġie deċiż li qabel napprovawhom, niċċaraw mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar it-tqassim ta' l-allokazzjoni finanzjarja. Inqrat ukoll l-ittra mid-Direttur dwar il-finanzjament għas-sena 2010 li jammonta għal **€ 443, 847.**

## KOMMUNIKAZZJONIJIET TAS-SINDKU FOSTHOM IL-FESTA TA' SANT'ANTON, L-ORGANIZAZZJONI TA' L-ATTIVITAJIET KONNESSI MAL-KARNIVAL, DEVOLUZZJONI TA' L-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV U MATERJI OĦRA

Is-Sindku Joseph Cordina nnota li ltaqa' mal-Kan. Dun Ġwann Sultana dwar l-organizazzjoni tal-wirja tal-klieb, il-parata taż-żwiemel u t-tlielaq tat-tfal nhar il-Ħadd 17 ta' Jannar filgħodu. Il-Kunsill ser iħallas it-trofej u l-midalji u s-servizz tal-Banda *Victory.* Ser nippruvaw inqabbdu lil Louis Bajada għat-tindif u nagħtuh **€ 50**.

Is-Sindku Joseph Cordina semma li qed jiltaqa' l-kumitat organizzattiv tal-Karnival. Il-Kunsill qabel li l-attivita' prinċipali Karnivaleska ssir nhar il-Ħadd 14 ta' Frar 2010 u dik tan-Nazzarenu ssir nhar is-Sibt 13 ta' Frar 2010. Nhar il-Ġimgħa 12 ta' Frar 2010 ser nagħmlu serata folkloristika. Ser nikkuntattjaw lill-preżentaturi u tal-*P.A. system* filwaqt li nagħmlu l-arranġamenti għall-palk. L-abbozz tal-programm għal dawn il-ġranet ser jiġi diskuss fil-kumitat.

Is-Segretarju Eżekuttiv innota li ġiet posposta d-data ta' l-14 ta' Jannar 2010 għall-iffirmar tad-devoluzzjoni ta' l-uffiċċju amministrattiv u qed tiġi proposta d-data tal-Ħamis 4 ta' Frar 2010. Is-Sindku Joseph Cordina nnota li ser

nissottomettu l-applikazzjoni lill-MEPA filwaqt li qed infittxu l-aħjar termini għall-finanzjament.

Il-Kunsill iddiskuta l-organizazzjoni tal-festival tat-tin li qed nipproponu li nagħmlu f'Settembru. Kien hemm qbil li naħtru kumitat organizattiv waqt li nistiednu r-rappreżentant minn Brindisi li jista' jgħinna f'dan ir-rigward. Il-Kunsill qabel li Mary Carmen Bajada tibda taħdem fuq din l-attivita'.

Is-Sindku Joseph Cordina nnota li l-ħaddiema li għandna mill-E.T.C. qed nużawhom biex inaddfu l-passaġġ pubbliku li jagħti għall-bajja tar-Ramla, il-*playing field* ta' Vjal it-8 ta' Settembru u fit-tindif ta' l-*area* madwar Calypso.

Is-Segretarju Eżekuttiv innota li hu kkuntattja lil Toni Debono, l-uffiċjal inkarigat mix-xogħlijiet f'Għawdex dwar il-bini tal-ħajt fi Triq Laurent Ropa. Ser nikkuntattjaw lill-Kunsill Lokali tar-Rabat dwar il-*patching* ta' Triq is-Sellum.

Mary Carmen Bajada semmiet li waqt il-laqgħa tal-Kunsill ma' l-Arċipriet issemmiet li kieku sew li ssir attivita' bil-qagħaq ta' l-għasel fi żmien l-Għid. Is-Sindku Joseph Cordina ser jikkuntattja lil Mons. Arċipriet dwar din l-attivita'.

Il-Kunsill iddiskuta l-pjanta proposta għat-tisbiħ ta' Pjazza Vittorja. Ġew diskussi xi dettalji u ġie deċiż li nissottomettu l-applikazzjoni għand il-MEPA għaliex dalwaqt tinfetaħ l-iskema tal-finanzjament. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment ta' Joseph Bartolo u Kevin Cutajar li qabel jinħarġu l-permessi neċessarji, issir laqgħa għall-pubbliku li jkun jista' jagħti s-suġġerimenti tiegħu u jekk ikun hemm bżonn tinbidel il-pjanta proposta. Is-Sindku Joseph Cordina talab u l-Kunsill qabel ukoll li ninkludu l-pavimentar ta' Trejqet Ġorġ Cini. Mary Carmen Bajada talbet li x-xelters li hemm taħt il-pjazza jkunu nklużi fil-proġett u li nikkonsidraw li nitolbu d-devoluzzjoni tagħhom. Hi semmiet il-*wires* telefoniċi li hemm mgħoddija minn taħt il-pjazza.

Il-Kunsill approva l-*performance bonuses* ta' 6 fil-mija ta' l-*assistant principal* Josephine Sultana u l-uffiċjal eżekuttiv Ivan Attard.

Il-Kunsill iddiskuta l-programmi ta' l-Unjoni Ewropeja. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nkomplu naħdmu fuq l-iskambji taż-żgħażagħ preferibbilment b'opportunita li niġu ospitati mill-partijiet li nidħlu fi ftehim magħhom.

**QARI TAL-KORRISPONDENZA U LMENTI MIR-RESIDENTI**

1) *Memo 90/2009* mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar diversi skemi offruti mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Fost dawn kien hemm ta' l-aċċessibbilta' fil-ġonna pubbliċi u postijiet oħra li ser napplikaw meta tinħareġ l-iskema. Ser nissottomettu applikazzjoni għall-aċċessibbilta' tal-passaġġ fil-bajja tar-Ramla.

2) Ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said fejn ġejna allokati **€ 50,000** għall-ko-finanzjament tal-proġett mill-ERDF *The Sustainable Xaghra Project* jekk dan jiġi approvat mill-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

3) *E-mail* mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar f'hiex wasal ix-xogħol relatat ma' l-għajnuna li ngħatajna taħt l-iskema ta' l-aċċessibbilta'. Ser inwieġbu li qegħdin fi stadju ta' l-applikazzjoni tal-bini tal-Kunsill.

4) *E-mail* mingħand is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said dwar promozzjoni lil Għawdex bħala destinazzjoni turistika. Dan jista' jsir permezz ta' *brochures* ippubblikati mill-Awtorita' Maltija tat-Turiżmu.

5) *Fax* mill-A.D.T.dwar applikazzjoni għall-parkeġġ riservat ta' Joseph Refalo, "Mitħna ta' Kola", Triq Marija Bambina. Il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni.

6) Ismijiet tat-toroq ġodda approvati mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq fosthom il-prolungament ta' Triq Masri, Triq ir-Raħħal, Trejqet Ġużeppi Sultana u Triq San Ġorġ Preca (bdil ta' isem.) Ser nordnaw dawn l-ismijiet mingħand *Bristow Potteries*.

7) Ittra mill-MCST dwar proġett ta' xjenza fil-komunita. Il-Kunsill qabel li noffrulhom l-uffiċċji amministrattivi sabiex tittella' din l-attivita' għall-aħħar ta' Jannar 2010.

8) Ittra mill-E.T.C. dwar is-servizz EURES. Il-Kunsill qabel li nistednuhom biex jagħmlu taħdita lir-residenti tagħna.

9) *E-mail* mill-Kunsill Lokali tal-Ħal Balzan dwar *bus shelters*. Ġie deċiż li għalissa nordnaw waħda sabiex titpoġġa ħdejn il-Knisja tan-Nazzarenu waqt li nivverfikaw dwar permessi tal-MEPA.

10) Ittra mill-Muniċipalita' ta' Montpellier dwar konferenza dwar it-tibdil fil-klima li ser isir bejn l-4 u s-6 ta' Frar 2010.

11) Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt li saret nhar il-Ġimgħa 27 ta' Novembru u r-rapport annwali awditjat ta' l-istess kumitat. L-istess Kumitat għaddielna € 323.78 għal xi ħlasijiet fuq il-kontravvenzjonijiet.

12) Ittra mingħand Joe Sultana dwar l-organizazzjoni ta' attivita' soċjali fil-każin tal-Banda *Victory* nhar il-Ħadd 21 ta' Frar 2010. Il-Kunsill qabel li jorganizza din l-attivita' bi spiża li ma teċċedix **€ 200.**

13) *E-mail* mingħand Anton Bugeja sabiex Triq Jannar issir *one-way*. Din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

14) Ittra anonima dwar storbju fi Triq Bullara. Il-Kunsill mhux ser jieħu azzjoni għaliex ma jafx min kitibha.

15*)* Kwotazzjoni mingħand *Barons* għal *badges* żgħar tal-kunsilliera. Ser infittxu kwotazzjonijiiet mingħand ditti oħrajn.

16) Invit mingħand TCTC għal riċeviment fil-15 ta' Jannar 2010 fis-1 p.m.

17) Ordni ta' emerġenza għall-konservazzjoni maħruġa mill-MEPA fuq iż-żona kollha madwar it-Tempji tal-Ġgantija.

18) Ittra mill-M.E.P.A fejn infurmawna li l-applikazzjoni P.A. 4462/08 għall-entratura fill-*playing field* ta' Vjal it-Tmienja ta' Settembru ġiet mgħoddija lil *Cultural Advisory Committee.*

19) Ittra mill-M.E.P.A fejn infurmawna li l-applikazzjoni P.A. 6257/08 għall-*belvedere* ta' Triq il-Knisja għandha tiġi deċiża sa' Ġunju 2010.

20) Ittra mill-M.E.P.A fejn talbuna xi informazzjoni dwar l-applikazzjoni P.A. 2403/09 għall-passaġġ bejn Calypso u r-Ramla. Din ser iweġibha l-Perit Scerri.

21) Ilment sabiex issir bankina ħdejn ta' Tarcisio Rapa fil-bidu ta' Triq il-Knisja. Ser inniżżluha mal-lista tal-bankini.

22) Ilment mingħand Emmanuel Bonello ta' 11, Triq Masri sabiex jinbena ħajt ma' għalqa li għandu f'din it-triq. Ser inqabbdu lil Emmanuel Sultana.

23) Ilment mingħand Joseph Spiteri ta' Triq l-Għar ta' Ninu sabiex isir passaġġ bis-siment fl-aħħar parti ta' Triq Sruġ. Dan jinvolvi b'20 jarda materjal u jitwitta mis-sidien stess. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir.

24) Ilment mingħand Joseph Buttigieg ta' 25, Triq Mikiel Farrugia sabiex isir parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ħdejn il-Knisja. Peress li diġa' hemm waħda fi Pjazza Vittorja ser nivverifikaw eżatt x'qed jitlob. Ir-resident qed jitlob ukoll sabiex tinżebagħ mill-ġdid iz-*zebra crossing* ħdejn il-Knisja (ser ngħidu lill-ħaddiema tal-Gvern Ċentrali.)

25) Ilment mingħand John Camilleri ta' Triq Kortoll dwar problema ta' *gutters* ta' l-ilma fi Triq Sruġ li qed jaffettwaw ir-residenza tiegħu. Ser naraw x'jista' jsir u mbagħad niddeċiedu.

26) Ilment mingħand Carmelo Refalo ta' 55, Triq 28 ta' April 1688, Xagħra biex jinżebgħu mill-ġdid is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar mal-*belvedere* fi Triq Santa Verna. Ser ngħidu lill-ħaddiema tal-Gvern Ċentrali.

27) Ilment mingħand Nazzarena Saliba ta' 49, Triq Marsalforn sabiex tinbidel il-bankina quddiem tagħha. Ser inniżluha mal-lista tal-bankini pendenti.

28) Ilment mingħand Carmela Cini ta' 'St.Anthony', Triq 28 ta' April 1688 sabiex jitkompla ħajt fi Triq Għajn Ħosna. Ser nibgħatu lill-ħaddiema assenjati magħna.

Mary Carmen Bajada semmiet ilment ta' Ġorġ Formosa sabiex issir *barrier* mal-ħajt ta' *Ramla Store* fi Triq Mannar.

Il-Kunsill iddeċieda li jkollu l-linja tiegħu tal-*mobile* wara li jivverifika mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

**APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI**

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti:

| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4375 | Joe Cordina (rifużjoni ta' xiri ta' rigali għall-Milied għall-anzjani) | 174.00 | 3380 |
| 4376 | Joe Cordina (rifużjoni ta' donazzjoni lill-*Malta Community Chest Fund*) | 510.00 | 3390 |
| 4377 | Maltapost p.l.c. (bolli) | 114.37 | 2650 |
| 4378 | Midsea Books Limited (kotba għal-librerija pubblika) | 206.82 | 2995 |

| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4379 | B.D.L. (kotba għal-librerija pubblika) | 362.25 | 2995 |
| 4380 | Joseph Adami (kartolini ta' simpatija) | 46.60 | 2930 |
| 4381 | Road Construction Company Ltd. (l-aħħar pagament fuq ix-xogħlijiet ta' *patching* bit-tarmak fi Triq Għonqa) | 7450.00 | 7100 |
| 4382 | Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali (parteċipazzjoni fi programm ġdid tat-televiżjoni) | 200.00 | 2930 |
| 4383 | M'Angelo Caruana (xarabank għall-ħarġa ta' l-anzjani) | 41.00 | 3380 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4384 | Galea Mini Market<br>(boroż ta’ l-iskart għat-tindif tat-toroq) | 25.66 | 3340 |
| 4385 | Bartolo Catering<br>(kejkijiet għall-anzjani<br>fl-okkażjoni ta’ għeluq sninhom) | 22.50 | 3380 |
| 4386 | Joe Bonello<br>(festin għall-anzjani fl-okkażjoni<br>tal-festa titulari) | 79.00 | 3370 |
| 4387 | Joe Bonello<br>(festin għall-anzjani fl-okkażjoni tal-festa ta’<br>Sant’Anton Abbati – Jannar 2010) | 85.00 | 3380 |
| 4388 | Louis Hili Ironmongery<br>(materjal għal diversi xogħlijiet) | 96.57 | 2370 |
| 4389 | Anthony Formosa<br>(diversi xogħlijiet fl-injam) | 249.00 | 2370 |
| 4390 | Captured Memories<br>(servizz ta’ fotografu<br>waqt l-attivita’ tas-17 ta’ Ottubru 2009) | 20.00 | 3370 |
| 4391 | Bartolo Catering<br>(*refreshments* għall-koristi u residenti<br>barranin wara l-Kunċert tal-Milied 09) | 348.52 | 3370 |
| 4392 | Gesther Restaurant<br>(ikla tal-Milied għall-ħaddiema<br>ta’ barra tal-Kunsill) | 324.00 | 3340 |
| 4393 | Frankie Agius<br>(diversi xogħlijiet ta’ manutenzjoni) | 133.28 | 2370 |
| 4394 | Dominic Department Stores Limited<br>(materjal għal diversi xogħlijiet) | 128.00 | 2370 |

| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta’ l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4395 | Dominic Department Stores Limited<br>(materjal għal diversi xogħlijiet) | 13.90 | 2370 |
| 4396 | Buhagiar Brothers<br>(xogħlijiet bil-JCB) | 49.56 | 2370 |
| 4397 | Joseph Azzopardi<br>(salarju għax-xahar ta’ Jannar 2010<br>li jinkludi *performance bonus* statutorju u<br>*degree allowance*) | 2002.20 | 1200/<br>1300<br>1600 |
| 4398 | Josephine Sultana<br>(salarju għax-xahar ta’ Jannar 2010<br>li jinkludi 6% *performance bonus*) | 1674.04 | 1200/<br>1300 |
| 4399 | Ivan Attard<br>(salarju għax-xahar ta’ Jannar 2010<br>li jinkludi 6% *performance bonus*) | 1446.60 | 1200/<br>1300 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4400 | Joseph Cordina<br>(onorarja tas-Sindku għax-xahar ta' Jannar 2010) | 344.71 | 1100 |
| 4401 | Kummissarju tat-Taxxi Interni<br>(P.A.Y.E. u N.I. tal-impjegati tal-Kunsill għax-xahar ta' Jannar 2010) | 2084.66 | 1100/ 1200/ 1300/ 1500/ 1600 |
| 4402 | Discount Cross Road Ironmongery<br>(materjal għal diversi xogħlijiet) | 84.00 | 2370 |
| 4403 | Marpo Trading Company Limited<br>(materjal għal diversi xogħlijiet) | 153.78 | 2370 |
| 4404 | Cini Service Station<br>(*fuel*) | 312.00 | 2750 |
| 4405 | Dipartiment tal-Artijiet<br>(kera tal-ġnien pubbliku ħdejn il-Mitħna ta' Kola) | 232.94 | 2400 |
| 4406 | Galea Curmi Engineering Consultants<br>(*contract management fee* fuq id-devoluzzjoni tad-dwal tat-toroq għax-xahar ta' Diċembru 2009) | 116.98 | 3065 |
| 4407 | K.I.P. Għawdex Limited<br>(servizz ta' ġbir ta' skart domestiku għax-xahar ta' Diċembru 2009) | 3466.25 | 3041 |

| Nru taċ-cekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta' l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4408 | Joe Cordina<br>(rimborż ta' spejjeż fuq permess għall-bini mill-ġdid ta' l-uffiċċju aministrattiv) | 34.94 | 3410 |
| 4409 | J C R Limited<br>(materjal għall-bankini) | 882.34 | 2312 |
| 4410 | Joseph Refalo<br>(servizz ta' knis ta' diversi toroq fil-lokalita' matul ix-xahar ta' Jannar 2010) | 230.00 | 3051 |
| 4411 | Lewis Bajada<br>(servizz ta' knis ta' diversi toroq fil-lokalita' matul ix-xahar ta' Jannar 2010) | 230.00 | 3051 |
| 4412 | Mario Gauci<br>(servizz ta' knis ta' diversi toroq fil-lokalita' matul ix-xahar ta' Jannar 2010) | 230.00 | 3051 |
| 4413 | Fortunato Camilleri<br>(servizz ta' knis ta' diversi toroq fil-lokalita' matul ix-xahar ta' Jannar 2010) | 230.00 | 3051 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4414 | Marvic Xerri<br>(servizz ta’ knis ta’ diversi toroq fil-lokalita’ matul ix-xahar ta’ Jannar 2010) | 230.00 | 3051 |
| 4415 | Accountant Public Cleansing Section<br>(servizz ta’ latrini pubbliċi- Novembru 2009) | 391.80 | 3053 |
| 4416 | Accountant Public Cleansing Section<br>(servizz ta’ latrini pubbliċi- Diċembru 2009) | 404.86 | 3053 |
| 4417 | Info Tech Supplies and Services<br>(linka għall-*printers* tal-uffiċċju amministrattiv) | 77.11 | 2330 |
| 4418 | GO p.l.c.<br>(kera u *charges* tal-linji tat-telefon) | 146.58 | 2150/ 2160 |
| 4419 | Gozo Press<br>(materjal stampat ) | 42.00 | 3370 |
| 4420 | Galea Mini Market<br>(*groceries* għall-uffiċċju) | 21.64 | 3340 |
| 4421 | WasteServ Malta Limited<br>(kiri ta’ *bins* għall-*bring-in-sites* u miżati għal rimi ta’ skart fil-Qortin) | 297.54 | 3041 |
| 4422 | Malta Red Cross – Gozo Branch<br>(servizz ta’ ambulanza mogħti fis-6 ta’ Settembru 2009) | 87.50 | 3370 |

| Nru taċ-ċekk | Deskrizzjoni taċ-ċekk | Ammont (€) | Nru. Ta’ l-*Account* |
|---|---|---|---|
| 4423 | Malta Red Cross – Gozo Branch<br>(servizz ta’ ambulanza mogħti fil-5 ta’ Settembru 2009) | 100.00 | 3370 |
| 4424 | Gatt Enterprises Limited<br>(*supply* ta’ ramel) | 77.88 | 2370 |
| 4425 | Lorenza Sultana<br>(servizz ta’ tindif tal-uffiċċju amministrattiv matul ix-xahar ta’ Diċembru ’09) | 116.50 | 3055 |
| 4426 | Nicolina Sultana<br>(servizz fiċ-Ċentru ta’ Matul il-Jum għall-Anzjani matul ix-xahar ta’ Diċembru 2009) | 94.50 | 3050 |
| 4427 | Cash<br>(trasferiment ta’ flus mill-kont bankarju għall-*petty cash* tal-Kunsill) | 103.27 | |
| | MEPA<br>(applikazzjoni għall-proġett tal-pjazza) | 36.16 | 3410 |
| | **TOTAL:** | **€ 26,662.81** | |

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 p.m.

Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tlieta 9 ta’ Frar 2010 fil-5.30 p.m.

**Joseph Cordina**
**Sindku**

**Joseph Azzopardi**
**Segretarju Eżekuttiv**